TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 25/15/F

**Romina Libreri**

**vs**

**Tabone Enterprises Malta Ltd.**

Illum 28 t'April, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tliet mija, u sitta w sittin ewro (€366), rappreżentanti prezz ta' *awning* li wara xi 4 xhur dan issaddad.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *awning* mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' tliet mija, u sitta w sittin ewro (€366), li wara ftit żmien dan beda jissaddad u għalhekk qed titlob il-flus lura.

L-intimat issottometta li hemm likwidu li jista' jirranġa din is-sitwazzjoni, u li fl-aħħar mill-aħħar dan huwa espost għall-elementi naturali u għalhekk mhux responsabbli għall-konsegwenzi fuq dan l-*awning*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi hija impossibli li l-*lifespan* tal-*awning* tkun inqas minn sena speċjalment minħabba s-sadid, u r-rikorrenti ma ngħataw l-ebda parir biex japplikaw xi likwidu biex jiġġieled kontra s-sadid.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-*awning* tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**